MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-21 ta' April, 2008

Numru 86/2008

PULIZIJA
SPETTUR MAURICE CURMI
VS
JOSEPH BRIFFA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Joseph Briffa, ta’ 53 sena, iben Edward u Josephine nee’ Borg, imwieled Valletta fl-10 ta’ Mejju 1954, residenti ‘56’ Flat 4 Triq San Patrizju, Valletta, detentur tal’ karta ta’ l-identita’ numru 397954(M).

U akkuzat talli; fit-18 ta’ Marzu 2007, fil-‘car boot sale’ tal-Birgu Malta, ffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol, tal-mohh jew prodott ta’ industrija, jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta’ sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li jista’ jqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija, jew

xjentement qal fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe numru ta’ DVDs, ai termini ta’ l-Artikolu 298(1) tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi bi qligh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, mmanifattura, idduplika, jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-Ligi ta’ Malta jew tahtha, ai termini, ta’ l-Artikolu 298B tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghat l-ammisjoni ta’ l-imputat;

Semghat il-konferma ta’ tali ammissjoni wara li l-Qorti tat l-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi fuq l-istess amissjoni tieghu il-Qorti issib l-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat Artiklu 298(1), 298(B) u Artiklu 22 Kap.446, tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni illi ma jaghmilx rejat iehor fi zmien sentejn. Tordna in oltre il-konfiska tad-DVDs kollha ezebiti u d-distruzzjoni taghhom.

Din il-piena qed tinghata in vista tal-fatt illi d-DVDs koncernati kienu ghall-uzu personali u wara tali uzu kienu ser jigu mibjugha f’’car boot sale’ mit-tfal ta’ l-imputat il-Qorti in oltre ikkonsidrat l-ammisjoni bikrija ta’ l-imputat u l-fedina penali nadifa tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------